31997F0827(02)

ATT TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Mejju 1997

li jfassal il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, tal-Konvenzjoni dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea tad-dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali

(97/C 261/02)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3 (2) (ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni dwar is-servizz fl-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej tad-dokumenti ġudizzjarji u *extra*-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali,

Billi l-Artikolu K.3 (2) (ċ) tat-Trattat jipprovdi illi l-konvenzjonijiet imfassla fuq il-bażi ta' l-Artkolu K.3 tiegħu jistgħu jistabbilixxu illi l-Qortital-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha l-ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-disposizzjonijiet tagħhom skond dawk l-arranġamenti li huma jistgħu jistabbilixxu,

Wara li eżamina l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1], wara l-konsultazzjoni kondotta mill-Presidenza skond l-Artikolu K.6 tat-Trattat,

LI DDEĊIEDA illi huwa hawnhekk imfassal il-Protokoll, li t-test tiegħu huwa mehmuż ma' l-Anness u li ġie ffirmat illum mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri;

JIRRAKKOMMANDA illi jiġi adottat mill-Istati Membri skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SORGDRAGER

---

[1] Opinjoni li sar fil-11 ta' April 1997 (s'issa mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).